MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 428/2006/1

**Hili Investments Limited (C 17538)**

**v.**

**Percius Car Hire Limited (C 3989)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mis-socjeta` konvenuta minn sentenza moghtija fl-10 ta’ Marzu 2011 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet attrici, u ordnat lill-Percius Ltd. sabiex tersaq ghall-bejgh tal-vettura tat-tip Jaguar S-Type numru tax-xazi SAJAC01E9XFL09254 fiz-zmien xahar; bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenuta.

**Il-Fatti**

2. Fil-31 ta’ Mejju 1999 il-partijiet iffirmaw ftehim ta’ kera li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta kriet lis-socjeta` attrici l-vettura fuq imsemmija ghal zmien hames snin mill-konsenja tal-istess, versu korrispettiv mensili hemm indikat, u bl-obbligi da parti taz-zewg partijiet kif indikati fl-iskrittura. Fost dawn l-obbligi hemm dak tas-socjeta` konvenuta li taghmel manutenzjoni u *servicing* regolari fuq il-vettura. Fost l-obbligi tas-socjeta` attrici hemm dak li tiehu *“proper and reasonably good care of the vehicle so as to ensure its road worthiness, fair wear and tear and faulty manufacture accepted…”*[1].

3. Fost il-klawzoli tal-ftehim hemm dik bin-numru 4 li hija l-bazi tal-kontroversja ezistenti bejn il-partijiet. Din taqra hekk”:

> “Upon the expiration of this contract, the Owner [Percius Ltd.] shall offer the said vehicle to the client for the pre-determined fixed price of six thousand five

[1] Fol. 7.

> hundered maltese liri [Lm6,500]; on his part, the Client [Hili Investments] undertakes to cover any costs including any registration tax or any other Government fee or Levy that may be incurred in respect of the said transfer, or extend the rental upon the Client's request. The Client must decide and inform the Owner of his decision within a period of seven days from the date the offer is made."[2]

4. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ghamlet l-offerta taghha f'Ottubru 2005, u skont l-affidavit ta' Paul Hili, direttur tas-socjeta` attrici, din accettat l-offerta, izda bil-kundizzjoni li qabel ma jsir it-trasferiment effettiv ikunu saru t-tiswijiet necessarji fil-vettura. Huwa jghid hekk:

> "….[is-socjeta` attrici] immedjatament esprimiet l-intenzjoni taghha li takkwista l-vettura, madankollu kien hemm xi riparazzjonijiet li kienu mehtiega izda l-hsarat ma kienux issewwew minn Percius skont kif stipulat fil-ftehim – ghalhekk [is-socjeta` attrici'] talbet li dawn it-tiswijiet [fil-gear box u fis-suspension] jigu msewwija qabel ma tigi trasferita l-vettura."[3]

5. Min-naha taghha s-socjeta` konvenuta kienet irrifjutat li taghmel dawn it-tiswijiet ghas-spejjez taghha, u wkoll talbet li s-socjeta` attrici thallas lilha l-kera mensili ta' LM500 minn Ottubru 2005 'il quddiem peress li l-vettura kienet baqghet ghand l-attrici.

6. Jidher li f'Marzu 2006 kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet fis-sens li s-socjeta` attrici' thallas l-ispejjez tat-tiswijiet li kellhom isiru fil-vettura, filwaqt li l-

[2] Ibid. Gie mifthiehm ukoll li "In the event that such lease is extended beyon the periof of lease mentioned in clause 1a .. the lease charge shall become LM500 plust VAT."

[3] Fol. 52. Ukoll fl-email datata 31 Ottubru 2005 mibghuta minn Patrick Agius lil Mario Fenech, hemm imnizzel li Paul Hili "*wants to purchase the vehicle in line with the agreement but will not purchase it when it has 6 month old faults which were not sufficiently rectified.*" [Fol. 18] F'email sussegwenti mibghuta mill-istess Patrick Agius lill-istess Mario Fenech, hemm imnizzel li *"in essence the repairs were not done in a correct manner. These have to be adjusted prior to the sale."* [Fol. 19].

Percius Ltd. tirrinunzja ghall-pretensjoni taghha ghall-hlas tal-kera minn Ottubru 2005.

7. L-imsemmi Paul Hili jghid li s-socjeta` konvenuta ma zammitx mat-termini ta' dan il-ftehim gdid, tant li, minkejja li l-vettura kienet ittiehdet ghand l-agent ghat-tiswija, is-socjeta` konvenuta xorta wahda ghamlet pretensjoni ghall-kera dovuta lilha minn Ottubru 2005 'il quddiem.

8. Min-naha tieghu Mario Fenech, direttur tas-socjeta` konvenuta jghid li *"dan ma kienx ftehim konkret"* tant li s-socjeta` attrici ma zammitx mieghu u rrifjutat li thallas l-ispejjez tat-tiswijiet.

9. Sadanittant fuq insistenza tas-socjeta` konvenuta mal-agent, u peress li l-vettura kienet ghadha registrata fuq isimha, l-agent ikkonsenja l-vettura lill-Percius Ltd. Min-naha taghha s-socjeta` attrici talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta` konvenuta sabiex din ma tbighx il-vettura *de quo* lil terzi.

10. Rigward il-manutenzjoni u *servicing* tal-vettura, is-socjeta` attrici tghid li skont il-ftehim dan l-obbligu kien jaqa' fuq is-socjeta` konvenuta. Din min-naha taghha tghid li kienet is-socjeta` attrici li kellha l-pussess tal-vettura, li ma kienitx tehodha ghandha regolarment, izda biss kull meta jkollha bzonn.

11. Dwar dan l-aspett tal-kawza ix-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici jikkontrastaw bejniethom, ghax filwaqt li fix-xhieda in kontro-ezami tieghu Paul Hili jghid *"il-karrozza kienet tmur ghand il-Percius ghal servicing etc. regolarment, ma nafx kemm il-darba."*[4], Patrick Agius, in kontro-ezami jghid li l-vettura *"ma kienitx tittiehed regolarment ghand Percius ghal servicing etc…"*[5].

**Is-Sentenza Appellata**

12. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "l-ewwel konsiderazzjoni li kien jehtigilha taghmel din il-Qorti kien li tistabbilixxi n-natura tan-negozju li sar bejn il-partjiet permezz tal-ftehim de quo. Is-socjeta' attrici ssostni li l-ftehim kien wiehed ta' hire purchase. Ma' dan is-socjeta' intimata ma taqbilx. F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghad-definizzjoni ta' "hire purchase agreement" moghtija fil-kawza "Bonnet vs Azzopardi" (deciza fit-28 ta' Gunju 1922), kif kwotata fis-sentenza "Regina vs Miller" (deciza fit-30 ta' Mejju 2002):
>
> > "*In-natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid tal-oggett jitrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess tal-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjeta' tal-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid tal-oggett u l-proprjeta' tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat.*"
>
> "Minn qari akkurat tal-ftehim li ghamlu l-partijiet, il-Qorti ma tqisx li dan kien ftehim ta' hire purchase kif komunement maghruf u kif spjegat fid-decizjonijijiet precitati. Il-ftehim de quo kien wiehed ta' kirja segwit b'opzjoni ta' xiri bi prezz definit.
>
> "Hire purchase system, kif spjegat il-Qorti fil-kawza "Abela vs Attard" (deciza fit-12 ta' Frar 1957), aktar jixbah lill-bejgh "pactum riservati dominii".

[4] Fol. 74.
[5] Fol. 72.

> "*fil-vendita' bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta' li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjeta' tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew jghaddi certu zmien; u malli dak il-fatt jivverifika ruhu, jew jghaddi dak iz-zmien, ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida tal-volonta', jew xi attivita' ohra mill-parti tal-kontraenti, jew ta' xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta'.*"

"Fil-hire purchase system kif komunement applikata f'dawn il-Gzejjer, il-proprjeta' tghaddi malli jithallas il-prezz minghajr xi tip ta' espressjoni ta' volonta'. Huwa effettivament bejgh "by instalments".

"Fil-kaz in ezami, il-ftehim kien ferm divers. Fuq skadenza tat-teminu tal-kirja, il-kerrej inghata opzjoni ta' xiri tal-vettura bi prezz definit b'kundizzjonijiet definiti. Wahda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet li jiddeciedi u jinforma lis-sid bid-decizjoni tieghu fi zmien sebat ijiem.

> "*Si ha l'opzione quando le parti convengono che una di esse rimanga vincolata alla propria dichiarazione (percio' questa costituisce una proposta irrevocabile) e l'altra parte abbia la tacolta' di accettarla o meno.*"
>
> Ikompli: "*L'opzione si distingue dal contratto preliminare: nel con tratto preliminare le parti si obbligano a concludere un nuovo contratto (definitivo), l'opzione, invece, da' luogo ad una proposta irrevocabile: percio' basta l'accettazione dell'altra parte perche' il contratto si perfezioni, senza che occorra una nuova manifestazione di consenso della parte vincolata alla proposta.*"

"Fid-dawl ta' dan, il-vertenza ghalhekk tiddistilla ruhha fuq il-kwistjoni jekk fil-fatt Hili Investments accettatx il-proposta irrevokabbli ta' Percius Car Hire ghall-bejgh tal-karozza kif stipulat fil-ftehim.

"Ghar-rigward tal-accettazzjoni ta' proposta sabiex ikun jista' jinghad li ftehim gie konkjuz:

"Trabucchi jghid:

> "***L'accettazione e' una dichiarazione diretta al proponente; essa deve essere definitiva, incondizionata e pienamente conforme alla proposta;*** *altrimenti vale come nuova proposta, e per la perfezione del contratto sara' richiesto che il successivo benestare dell'anteriore proponente sia, a sua volta, portato a conoscenza dell'accettante che ha fatto la modificazione. Tra proposta e accettazione – quando non siano prestate nello stesso contesto – deve esistere una correlazione finale, cioe' una direzione allo stesso fine.*"

"Carbonnier jghid:

> "*Il faut que le contenu de l'acceptation soit identique a' celui de l'offre*", kif ukoll "*Les deux volontes se rencontrent a' l'instant ou' l'acceptation se manifeste, car c'est elle qui est decisive et conclut le contrat.*"

"Fid-dawl ta' dan l-insenjament u, partikolarment in vista tal-principju kardinali tal-essenzjalita' tal-bona fede fl-esekuzzjoni tal-kuntratti, skond ma jipprovdi l-Art. 993 tal-Kap. 16, li testwalment jghid:

> "*Art. 993. Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.*"

"Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-provi prodotti fil-kuntest. Il-Qorti tinnota li l-intenzjoni espressa tas-socjeta' attrici kienet konsistentement li trid tixtri l-vettura. Huwa minnu li kien hemm bejn il-partijiet vertenzi, pero' dawn kollha gew sorvolati wara negozjati. Kien l-e-mail tas-7 ta' Marzu 2006 (fol. 31) li permezz tieghu saret talba ghad-danni li sfratta kollox.

"Fil-fatt l-e-mail b'risposta ghalih huwa car:

> "*Points 1 - 4 had been agreed to and accepted and my client is prepared to implement them. However, your clients' addition of a damages claim is totally rejected.*"

"Galadarba s-socjeta' Hili Investments spiccat biex irtirat il-kundizzjonijiet kollha li kienet ghamlet, kif jirrizulta mill-e-mails skambjati, l-accettazzjoni taghha tal-opzjoni naxxenti mill-ftehim orginali effettivament saret.

"Ghar-rigward tat-terminu ta' sebat ijiem li fih Hili kellha tinforma lil Percius bid-decizjoni taghha, din il-Qorti tqis li din il-kundizzjoni, Hili ssodisfatha. L-accettazzjoni tal-ghazla wrietha fiz-zmien miftiehem.

"Fid-dawl ta' dan kollu, ghalhekk, il-Qorti tqis gustifikata u pruvata t-talba tas-socjeta' attrici."

## **L-Appell**

12. Dan hu bazat fuq zewg aggravji: [1] li l-kontenut tal-klawzola 4 jekkwivali ghal weghda ta' bejgh hekk kif l-offerta tigi accettata u ghalhekk il-pozizzjoni legali hi regolata bl-Artikolu 1357 tal-Kap. 16; [2] li s-socjeta` attrici naqset milli taghti l-kunsens taghha fiz-zmien moghti lilha skont il-ftehim originali.

13. Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta qed titlob li l-appell jigi milqugh u s-sentenza appellata tigi revokata, u, minflok, filwaqt li jigu milqugha l-

eccezzjonijiet taghha, jigu michuda t-talbiet tal-attrici, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici.

14. Min-naha taghha s-socjeta` attrici la prezentat risposta ghal dan l-appell, u wkoll ma deher hadd ghaliha fil-gurnata tat-trattazjoni tal-appell.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

15. Illi, tenut kont li l-ewwel aggravju jippresupponi l-ezistenza ta' accettazzjoni valida li skont is-socjeta` konvenuta taghti lok ghall-figura ta' konvenju fit-termini tal-artikolu fuq citat, huwa opportun li l-ewwel jigi mistharreg jekk effettivament kienitx saret accettazzjoni valida tal-offerta skont il-klawsola 4 fuq indikata.

*It-tieni aggravju*

16. Qabel xejn huwa opportun li jinghad li, skont it-termini tal-imsemmija klawsola, jirrizuta car li l-intenzjoni tal-partijiet fuq il-ftehim kienet li l-kuntratt ta' bejniethom kien wiehed ta' kera u li kien jaghlaq mal-ahhar pagament mensili. L-eventwali offerta ta' bejgh kienet tifforma stadju separat u kienet tikkonsisti fil-possibbilita` ta' kuntratt iehor sussegwenti ghal dak ta' kera – kuntratt li jkollu jigi fis-sehh separatament minn dak iffirmat bejn il-partijiet. Ghalhekk huwa car li l-istess ftehim ta' kirja jikkontempla ftehim iehor futur malli jaghlaq

iz-zmien tal-kirja, li javvera ruhu malli s-socjeta` konvenuta tezegwixxi l-obbligu taghha li taghmel l-offerta ta' bejgh, u s-socjeta` attrici tezercita l-opzjoni taghha billi taccetta din l-offerta fiz-zmien preskritt.

17. Dan l-aggravju hu dirett lejn l-opzjoni tas-socjeta` attrici li taccetta l-offerta maghmula mis-socjeta` konvenuta f'Ottubru 2005. Mill-provi jirrizulta li, ghalkemm is-socjeta` attrici ddikjarat "immedjatament" mal-offerta maghmula lilha l-intenzjoni taghha li taccetta l-offerta u tixtri l-vettura, izda din l-accettazzjoni da parti taghha ma tistax legalment tigi kunsidrata bhala tali peress li saret b'kundizzjoni li ma hijiex indikata fl-imsemmija klawsola.

18. In sostenn tat-tezi taghha s-socjeta` konvenuta ticcita l-Artikolu 112 tal-Kodici tal-Kummerc li jaqra hekk:

> "Accettazzjoni mdewma jew suggetta ghal kondizzjonijiet, zieda, restrizzjonijiet jew tibdil titqies li hija u tghodd bhala rifjut tal-proposta originali u bhala proposta gdida."

19. Tassew li mill-provi jirrizulta manifest li l-accettazzjoni da parti tas-socjeta` attrici kienet moghtija bil-kundizzjoni li qabel ma jsir it-trasferiment tal-vettura kellhom isiru t-tiswijiet necessarji a spejjez tas-socjeta` konvenuta. Dan jirrizulta ammess minn Paul Hili u Patrick Agius fl-affidavits[6] taghhom. Din il-kundizzjoni qalghet hafna dizgwid bejn il-partijiet, bir-rizultat li ghalkemm ghaddew diversi xhur il-bejgh-u-xiri tal-karrozza baqa' ma sarx.

---

[6] Foll. 52 u 55.

20. Ghalhekk, irrispettivament mill-istat li kienet tinsab fih l-vettura fiz-zmien li saret l-offerta, l-ghazla li kellha s-socjeta` attrici kienet jew li taccetta li tixtri fit-termini tal-klawzola 4 jew li tirrifjuta l-offerta. Din il-Qorti tosserva li bil-fatt taghha stess li s-socjeta` attrici kkondizzjonat l-accettazzjoni taghha ghal fatturi li ma jirrizultawx mill-imsemmija klawzola, jirrendi dik l-accettazzjoni priva mill-effetti legali li kien ikollha kieku gew osservati t-termini tal-klawzola.

21. Inoltre, jinghad li din il-Qorti ma taqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad li, gjaladarba s-socjeta` attrici *"spiccat biex irtirat il-kondizzjonijiet kollha li ghamlet…..l-accettazzjoni taghha … effettivament saret.",* ghax dak li kien jirrikjedi l-ftehim tal-31 ta' Mejju 1999, u precizament il-klawzola de quo, kien li l-accettazzjoni issir fi zmien sebghat ijiem, u mhux meta s-socjeta` attrici tiddeciedi xhur wara, li tnehhi l-kundizzjoni li hi kienet rabtet mal-accettazzjoni taghha.

22. In bazi ghall-premessi konsiderazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet attrici ma kellhomx jigu milqugha tenut kont li s-socjeta` attrici ma ottemperatx ruhha mat-termini stretti tal-klawzola 4.

23. Fl-ahharnett ghandu jigi osservat li, ghalkemm huwa minnu li kif rilevat mill-ewwel Qorti l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti *in bona fide*, izda fil-kaz odjern hemm tlett fatturi li jimmilitaw favur it-tezi tas-socjeta` konvenuta.

Dawn huma: [1] il-fatt li l-manutenzjoni u s-*servicing* mis-socjeta` konvenuta ma kienx isir regolarment mhux bi htija taghha, stante li hi kellha access ghall-karozza biss f'dawk l-okkazjonijiet li s-socjeta` attrici kienet iggibha ghandha ghal dan il-ghan; [2] il-fatt li s-*servicing,* meta kien isir, kien isir mill-agenti tal-karozza, kif jirrizulta mid-dokumenti MF1 u MF2[7] esebti minn Mario Fenech u li ma gewx kontrastati; u [3] b'aktar qawwa il-fatt li skont il-ftehim is-socjeta` attrici kellha ghazla: jew tirrifjuta l-offerta jew tohodha fl-istat li kienet fiz-zmien tal-offerta. Wara kollox sakemm ittiehdet lura l-vettura mis-socjeta` konvenuta, din kienet tkun fil-pussess tas-socjeta` attrici li ghalhekk kienet konsapevoli tal-istat tal-vettura f'dak iz-zmien.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

25. Tenut kont li dan l-aggravju qed jigi milqugh mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel aggravju.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tas-socjeta` konvenuta, tirrevoka s-sentenza appellata, u filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tas-socjeta` attrici.

---

[7] Fol. 81.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------